MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2009

Numru 454/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Agius)**
**vs**

**SPITERI HERBERT-JAMES**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Spiteri Herbert-James ta’ 31 sena iben Lawrence u Abigail nee’ Hunt, imwieled St. Julian’s fit-28 ta’ Settembru 1977, joqghod Flat 2, Triq Hanover, Ent. D, Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita numru 537777(M).

Billi gie akkuzat talli fl-4 ta’ Mejju 2009, ghal habta tal-hdax ta’ filghodu, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, limiti Gudja ikkommetta serq ta’ diversi oggetti

ghad-detriment ta’ Denise Pace liema reat ta’ serq huwa aggravat bil-valur li ma jaccediex l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37);

(2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel, bl-awtorita tieghu nnifsu, fixkel lil Denise Pace fil-pussess ta’ hwejjiegha;

(3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Denise Pace skond kif iccertifika t-tabib Dr. Anton Bugeja M.D.;

(4) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Denise Pace sabiex jingurjaha, iddejaqha jew jaghmillha hsara;

(5) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi kliem insolenta jew hedded lil Denise Pace;

(6) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta’ Denise Pace u japplika l-provedimenti tal-Artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JA3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Denise Pace fil-presenza tal-avukat taghha iddikjarat li s-sitwazzjoni taghha mal-imputat issa ppacifikat ruhha u

ghaldaqstant iddikjarat ukoll li qeghda tahfer lill-imputat u tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tinkwadra ruhha fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema akkuza tirrigwarda ragion fattasi inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u is-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u is-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 261(c), 267, 279(a) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Herbert-James Spiteri, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali tal-imputat u dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-parte civile Denise Pace kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, nkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Herbert-James Spiteri tillibera lill-istess imputat Herbert-James Spiteri taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien

tlett (3) snin millum u nkwantu ghas-sitt akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Herbert-James Spiteri tikkundanna lill-istess imputat Herbert-James Spiteri ghall-piena ta’ tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmi ta’ Euro (Euro 58.23) ammenda.

Nkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Herbert-James Spiteri liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tirrigwarda ragion fattasi, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Nkwantu ghat-tielet akkuza, ir-raba’ akkuza u il-hames akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Herbert-James Spiteri tiddikjara rigward dawn l-imsemmija tlett l-akkuzi procediment esaurit stante rinunzja.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Herbert-James Spiteri b’obbligazzjoni personali ta’ hames mitt Euro (Euro 500) li jzomm il-kwiet ma’ Denise Pace u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Herbert-James Spiteri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------